KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 4396

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 271 tal-4 ta' Novembru 2024 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________
Eleanor Scerri
Skrivan tal-Kamra

## ILMENTI PENDENTI QUDDIEM IL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA

**43. L-ONOR. KAROL AQUILINA jistaqsi lill-Ispeaker: Jista' l-Ispeaker** jgħid kemm-il talba għal investigazzjoni għandu pendenti quddiemu l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika? Jista' jgħid ukoll, mingħajr ma jindika l-isem u d-dettalji tal-persuni involuti, dwar xiex inhi kull waħda mill-investigazzjonijiet? Jista' wkoll jindika għal kull waħda mill-investigazzjonijiet jekk hix qiegħda ssir b'inizjattiva tal-Kummissarju nnifsu jew inkella wara li l-istess Kummissarju rċieva allegazzjoni bil-miktub?"

18.10.2024

**SPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika infurmawni li mill-1 ta' Novembru 2024, il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għandu 20 ilment jew talba għal investigazzjoni pendenti.

Kien hemm 27 ilment pendenti fit-8 ta' Marzu 2023, meta l-Kummissarju preżenti assuma l-kariga tiegħu. Minn dakinhar sal-lum daħlu 41 ilment ġdid. Minn dawn kollha s'issa ġew riżolti 48 ilment.

Mill-20 ilment li hemm pendenti quddiem il-Kummissarju, 17 huma taħt investigazzjoni u 3 huma fl-istadju ta' konsiderazzjoni preliminari, jiġifieri l-Kummissarju għadu qed jikkunsidra jekk jimmeritawx investigazzjoni ulterjuri jew le.

Barra minn hekk, il-Kummissarju għandu investigazzjoni waħda għaddejja li nbdiet fuq l-inizjattiva tiegħu u għaldaqstant ma tikkorrispondi ma' ebda ilment.

B'mod ġenerali, l-ilmenti pendenti jallegaw dan li ġej:
- għemil ta' stqarrijiet pubbliċi jew risposti għal domandi parlamentari li ma jikkorrispondux mal-verità;
- imġiba ħażina marbuta ma' dikjarazzjonijiet tal-assi;
- abbuż minn riżorsi pubbliċi;
- abbuż mill-kariga jew abbuż ta' poter;
- favoritiżmu;
- konflitt ta' interess u xogħol privat mhux permess;
- stqarrijiet pubbliċi mhux xierqa.

Ma jistgħux jingħataw aktar dettalji dwar investigazzjonijiet pendenti minħabba l-artikoli 18(1) u 21(1) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta).

Seduta 271
4/11/2024